# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Jannar, 2023.**

**Numru 9**

**Rikors numru 748/2014/1/ CFS**

**C. & F. Building Contractors Limited (C15308)**

**v.**

**Għaqda Mużikali Maria Annunzjata AD 1862 (VO/0502), u Victor Seguna u Anton Briffa għan-nom u in rappreżentanza tal-Għaqda Mużikali Marija Annunzjata AD 1862 fil-kapaċità rispettiva tagħhom bħala President u Segretarju tal-Istess**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-Għaqda Mużikali Maria Annunzjata AD 1862 (minn hawn 'l quddiem imsejħa bħala l-'Għaqda Mużikali') u appell

inċidentali ta' C. & F. Building Contractors Limited (minn hawn 'l quddiem imsejħa bħala C&F), minn sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, mogħtija fl-1 ta' Lulju 2022, u li hija dwar tilwima li nibtet minn kuntratt ta' appalt, li permezz tiegħu C&F ġiet imqabbda mill-Għaqda Mużikali biex twettaq xogħlijiet ta' kostruzzjoni fil-proprjetà tal-każin tagħha f'Ħal Tarxien;

2. B'rikors maħluf tat-28 ta' Awwissu 2014, C&F tgħid li hija wettqet xogħlijiet ta' kostruzzjoni fil-proprjetà tal-Għaqda Mużikali f'Ħal Tarxien, u dan skont kif mitlub mill-istess Għaqda Mużikali. Tispjega li għalkemm ix-xogħlijiet tlestew u ġew aċċettati mill-Għaqda Mużikali; din tal-aħħar qegħda, mingħajr raġunijiet validi, tirrifjuta li tħallasha s-somma bilanċjali fl-ammont ta' tnejn u erbgħin elf, seba' mija u għoxrin ewro (€42,720), li tinkludi, kemm il-bilanċ fuq il-prezz ta' twettiq ta' xogħlijiet, kif ukoll tal-materjal provdut minnha għal dan il-għan. Tgħid li għalkemm l-Għaqda Mużikali ġiet mitluba kemm-il darba bil-miktub sabiex tħallasha dan il-bilanċ, inkluż bl-ittra uffiċjali numru 411/14, din tal-aħħar baqgħet ma wettqitx il-ħlas mitlub, u minħabba f'hekk kellha tibda din il-kawża. Fuq is-saħħa ta' dan, C&F titlob lill-Qorti sabiex:

> *"1. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ammont ta' tnejn u erbgħin elf, seba' mija u għoxrin Ewro (€42,720) jew somma verjuri li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tillikwida bl-opera ta' periti nominandi, rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' appalt u xogħlijiet u materjal imwettqa u kkonsenjati lill-konvenuti fuq talba tagħhom kif premess f'dan ir-rikors ġuramentat u dan prevja kull dikjarazzjoni oħra opportuna;*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċjali u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju maħruġ in garanzija tat-talba u bl-imgħaxijiet dovuti skont il-liġi kontra l-intimata li hi, fil-persuna tar-rappreżentanti ġuridiċi tagħha, inġunta minn issa in subizzjoni u b'riżerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti skont il-liġi u naxxenti mill-fatti brevement indikati f'dan ir-rikors."*

3. L-Għaqda Mużikali laqgħet għat-talbiet ta' C&F billi ressqet żewġ eċċezzjonijiet fil-mertu. Fl-ewwel eċċezzjoni l-Għaqda Mużikali tistqarr li bil-kontra ta' dak li ġie dikjarat minn C&F, din tal-aħħar naqset milli twettaq ċertu xogħlijiet skont is-sengħa u l-arti; u dan billi fost l-oħrajn użat konkos ta' kwalità ferm inferjuri minn dak maqbul. Fit-tieni eċċezzjoni, l-Għaqda Mużikali mbagħad tiċħad li għandha xi obbligu li tħallas l-ammont mitlub minn C&F;

4. L-Għaqda Mużikali ma waqfitx hawn, u flimkien mat-tweġiba maħlufa tagħha ressqet ukoll kontro-talba li fiha fissret kif il-kumpanija C&F kienet ġiet magħżula minnha wara li ħarġet sejħa għall-offerti sabiex jitwaqqa' l-każin tal-banda tagħha, u minfloku jinbena ieħor ġdid. Tgħid li C&F ma ħadmitx kif mistenni, tant li kkawżat ħafna ħsara, u kellhom iqabbdu lill-terzi bi spejjeż żejda, biex jagħmlu tajjeb għax-xogħol ħażin li wettqet l-istess C&F. Tilmenta li dawn in-nuqqasijiet serji ta' C&F wasslu biex ix-xogħlijiet fil-binja tal-każin waqgħu lura, u minħabba f'hekk l-Għaqda Mużikali spiċċat biex tilfet il-qligħ mistenni mill-binja tal-każin il-ġdid. Tgħid ukoll li matul it-twettiq tax-xogħlijiet, C&F ikkawżat diversi

ħsarat u danni, fosthom fl-emblema tal-irħam, fil-ġibjun, u saħansitra fil-proprjetà ta' terzi. Tispjega li dan kollu wassalha biex ġarrbet diversi danni u minħabba f'hekk talbet lill-Qorti:

> *"1. Tiddikjara li s-soċjetà C & F Building Contractors Ltd hija unikament responsabbli għal danni subiti u nuqqasijiet li seħħew fil-binja tal-każin tal-Għaqda Mużikali Marija Annunzjata f'Ħal Tarxien, ta' xogħlijiet li ma ġewx eżegwiti skont is-sengħa u l-arti u ta' xogħlijiet li ma sarux kif pattwit;*
>
> *2. Tikkundanna lis-soċjetà C & F Building Contractors Ltd tħallas l-ammont li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tillikwida okkorrendo bl-opera ta' perit arkitett nominandi, rappreżentanti danni subiti u nuqqasijiet fl-iżvilupp tal-binja tal-każin il-ġdid tal-Għaqda Mużikali Marija Annunzjata, ta' xogħlijiet li ma ġewx eżegwiti skont is-sengħa u l-arti u ta' xogħlijiet li ma sarux kif pattwit;*
>
> *u dan previa kwalsiasi dikjarazzjoni jew provvediment ieħor li jidhrulha xierqa u opportuni.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi, inkluż tar-rikors għall-kontro-mandat bl-imgħaxijiet legali kontra l-imsemmija soċjetà, li hija minn issa nġunta in subizzjoni u b'riżerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti skont il-liġi u naxxenti mill-fatti brevement indikati f'dan ir-rikors."*

5. Bi tweġiba maħlufa tat-3 ta' Novembru 2014, C&F laqgħet għal dak mitlub fil-kontro-talba tal-Għaqda Mużikali billi ressqet għadd ta' eċċezzjonijiet fil-mertu, li fil-qosor jistgħu jinġabru f'dan il-ftit kliem: (i) t-talbiet tal-Għaqda Mużikali huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u b'hekk għandhom jiġu miċħuda; (ii) hija wettqet ix-xogħlijiet li ġiet imqabbda mill-Għaqda Mużikali skont is-sengħa u l-arti u ma kkawżat l-ebda dannu lill-istess Għaqda Mużikali; (iii) li l-Għaqda Mużikali ma ġarrbet l-ebda dannu; (iv) li lanqas m'huma dovuti xi danni għad-dewmien allegat mill-Għaqda Mużikali, u dan għaliex la ġie maqbul xi żmien li matulu kellhom jitlestew ix-xogħlijiet, u li f'kull każ hija mxiet b'diliġenza;

6. B'sentenza mogħtija fl-1 ta' Lulju 2022, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet din it-tilwima billi għar-raġunijiet hemmhekk imfissra: (i) ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-Għaqda Mużikali li ġew imqajma fid-dawl tat-talbiet C&F; (ii) laqgħet it-talba ta' C&F sal-ammont ta' €41,148.28, u dan bl-imgħax kummerċjali bir-rata ta' 8% fis-sena mid-data tat-3 ta' Diċembru 2012; (iii) ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha ta' C&F għall-kontro-talba mressqa mill-Għaqda Mużikali; (iv) laqgħet l-ewwel talba rikonvenzjonali tal-Għaqda Mużikali u ddikjarat lil C&F responsabbli għad-danni mġarrba mill-Għaqda Mużikali u dan peress li C&F naqset milli twettaq ix-xogħlijiet tal-binja tal-każin skont is-sengħa u l-arti; u fl-aħħar nett, (v) laqgħet it-tieni talba rikonvenzjonali billi llikwidat id-danni mġarrba mill-Għaqda Mużikali fl-ammont ta' €47,504.87, u ordnat lil C&F biex tħallas dan l-ammont flimkien mal-imgħax sempliċi bir-rata ta' 8% mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mad-deċiżjoni dwar l-ispejjeż ġudizzjarji, l-Ewwel Qorti ordnat lill-partijiet sabiex iħallsu f'sehem indaqs bejniethom l-ispejjeż marbuta mal-kawża ewlenija ta' C&F u tal-kontro-talba, flimkien ma' dawk tal-ittra uffiċjali numru 411/14 li ġiet mibgħuta minn C&F lill-Għaqda Mużikali;

7. B'rikors ta' appell imdaħħal fil-21 ta' Lulju 2022, l-Għaqda Mużikali appellat mis-sentenza tal-Ewwel Qorti u dan biss sa fejn għandu x'jaqsam mad-data li fiha għandhom jibdew jgħaddu l-interessi dovuti minnha lil C&F. Fuq is-saħħa tar-raġunijiet li ġew mogħtija f'dak ir-rikors, l-Għaqda

Mużikali qegħda titlob lil din il-Qorti sabiex: *"filwaqt li tikkonferma dak deċiż mill-Ewwel Onorabbli Qorti, tirrikonsidra tassew dik il-parti mis-Sentenza appellata li minnha qed isir limitament dan l-appell billi tvarja dak deċiż dwar l-imgħax dovut lis-soċjetà appellata mill-Għaqda Mużikali appellanta hekk kif kontemplat fis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-1 ta' Lulju 2022, u tali imgħax ikun dovut mid-data tas-sentenza bħalma huwa dovut l-imgħax lill-Għaqda Mużikali"*;

8. B'risposta mdaħħla fil-25 ta' Awwissu 2022, C&F spjegat li l-aggravju tal-Għaqda Mużikali mhuwiex siewi u b'hekk l-appell tal-Għaqda Mużikali għandu jiġi miċħud u dan bl-ispejjeż kontra l-istess Għaqda Mużikali;

9. C&F inqdiet ukoll bl-appell prinċipali, billi ressqet appell inċidentali u dan limitament dwar erba' kapijiet tad-danni li ġew likwidati mill-Ewwel Qorti, u ċioè dawk marbuta: (i) mat-telf tad-dħul mit-tombla; (ii) mat-telf tad-dħul mill-kirja tal-bar; (iii) mal-ħsarat ikkawżati lill-bjar; (iv) mal-ħsarat fuq il-wiċċ tal-konkos tal-bitħa. C&F għalhekk talbet lil din il-Qorti sabiex tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti u dan billi *"tvarja l-likwidazzjoni li saret favur is-soċjetà Mużikali fil-paragrafu (v) tad-deċide u dan limitament fit-termini ta' dak espost mill-esponenti fil-paragrafu 29 et. seq. ta' dan l-appell inċidentali, u tikkonferma mill-bqija s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-Għaqda Mużikali Maria Annunzjata 1862."*;

10. L-Għaqda Mużikali mbagħad wieġbet għall-appell inċidentali fit-13 ta' Ottubru 2022, u għar-raġunjiet hemmhekk imniżżla talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell inċidentali u dan bl-ispejjeż kontra C&F;

11. Wara li rat l-atti proċesswali kollha u qieset li l-fażi tal-proċedura bil-miktub ingħalqet, din il-Qorti ma jirriżultaliex li hemm il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ, u b'hekk ser tkun qed tgħaddi minnufih għas-sentenza u dan fuq is-saħħa tal-Artikolu 152(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

***Ikkunsidrat:***

12. Kif intqal aktar kmieni, l-aggravju waħdieni tal-Għaqda Mużikali *viz* is-sentenza tal-Ewwel Qorti huwa dwar il-perjodu ta' minn meta għandhom jibdew jgħaddu l-interessi fuq l-ammont ta' €41,148.28, li l-ewwel Qorti kkundannata tħallas lil C&F. L-Għaqda Mużikali qed tirraġuna li ġaladarba l-Ewwel Qorti sabet li C&F naqset bil-kbir fir-responsabbiltajiet tagħha, allura dik il-Qorti kellha ssib li dak l-imgħax kellu jibda jgħaddi mid-data tas-sentenza, u mhux mid-data tat-3 ta' Diċembru 2012. Tilmenta li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti ser twassal għal *"unjustified enrichment favur is-soċjetà appellata nonostante n-*

*nuqqasijiet serji tagħha",* u fuq is-saħħa ta' dan, qed titlob lil din il-Qorti biex l-imgħax ikun dovut mid-data tas-sentenza;

13. C&F tirribatti li l-ilment tal-Għaqda Mużikali mhuwiex siewi u dan għaliex l-ewwel Qorti applikat il-liġi b'mod tajjeb meta ddeċidiet li l-imgħax kellu jibda jgħaddi mid-data li fiha l-kont kien dovut. Tgħid li l-Ewwel Qorti għamlitha ċara li kwalunkwe lment tal-Għaqda Mużikali ma naqqasx l-obbligu tagħha li tħallas għax-xogħlijiet li qablu fuqhom il-partijiet u tfakkar li l-Ewwel Qorti qieset ukoll li l-Għaqda Mużikali ma ressqitx eċċezzjoni biex ikun hemm xi tpaċija, iżda minflok ippreżentat kontro-talba li biha fittxitha għad-danni;

14. Meqjusa l-argumenti tal-partijiet, din il-Qorti ma tarax li l-Għaqda Mużikali għandha raġun. Kif tosserva tajjeb C&F, l-Għaqda Mużikali mhijiex qed tikkontesta d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti safejn għandha x'taqsam man-natura tal-interessi. Ġaladarba l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-obbligazzjoni hija ta' xorta kummerċjali, allura bl-applikazzjoni tal-Artikolu 1141(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-interessi bdew jgħaddu *'ipso jure'* minn dakinhar li fiha l-obligazzjoni kellha tiġi esegwita, u ċioè mid-data li fiha l-ħlas ta' €41,148.28 sar dovut minnha lil C&F;

15. Barra minn hekk u kif osservat tajjeb l-Ewwel Qorti f'dan il-każ, l-Għaqda Mużikali ma xejnitx it-talbiet ta' C&F billi qajmet l-eċċezzjoni ta' tpaċija *viz* id-danni li hija sofriet konsegwenza tal-ħsarat li ġew ikkawżati lilha minn C&F. Minflok, l-Għaqda Mużikali ressqet kontro-talba li biha talbet lill-Ewwel Qorti sabiex tillikwida d-danni mġarrba minnha konsegwenza tan-nuqqasijiet ta' C&F. B'din it-triq, l-Għaqda Mużikali stess ammettiet li l-ammont mitlub minn C&F ma seta' qatt kien paċut mat-telf li ġie mġarrab minnha, u dan għaliex wieħed ma jistax jitkellem fuq tpaċija legali sakemm iż-żewġt idjun ma jkunux it-tnejn likwidi u ċerti f'dik li hija kwantità (ara f'dan is-sens, l-Artikolu 1197 tal-Kap. 16 u s-sentenza fl-ismijiet ta' ***Middlesea Insurance p.l.c. v. Raymond Avallone,*** deċiża minn din il-Qorti fid-29 ta' Ottubru 2019[1]). F'dawn iċ-ċirkostanzi l-imgħax legali fuq is-somma ta' €41,148.28 kellu ta' bilfors jibda jgħaddi minn dakinhar li dik is-somma ġiet dovuta lil C&F, u għalhekk l-Għaqda Mużikali ma tistax tippretendi li l-interessi għandhom jibdew jgħaddu mid-data tas-sentenza;

16. Din il-Qorti lanqas ma tara li b'din is-sitwazzjoni, C&F ser tispiċċa tiġi vantaġġjata jew inkella ser tkun qed tgawdi minn xi forma ta' dak li l-Għaqda Mużikali qed issejjaħlu bħala *'unjustified enrichment'* . Minn kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Simon Debono et. v. Viaggio Facile***

[1] App. Ċiv. Nru. 900/08/1AE

***s.r.l. et.,*** deċiża minn din il-Qorti fit-22 ta' Ġunju 2022:[2] *"l-imgħaxijiet jitħallsu għax parti tkun żammet għaliha u nqdiet bi flus li fis-sewwa kellu jgawdihom u jinqeda bihom ħaddieħor".* Ġaladarba l-Għaqda Mużikali naqset milli twettaq l-obbligazzjoni tagħha billi tħallas il-flejjes dovuti minnha lil C&F, allura l-Għaqda Mużikali hija passibbli għad-danni bl-imgħaxijiet ta' tmienja fil-mija, u dan kif wara kollox insibu mniżżel fl-Artikoli 1125 u 1139 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

17. Anke mill-lenti fattwali, din il-Qorti ma tarax li l-Ewwel Qorti għamlet xi apprezzament żbaljat tal-fatti hekk kif miġjuba quddiemha u dan meta waslet għall-konklużjoni li s-somma fl-ammont ta' €41,148.28 saret dovuta mid-data tat-3 ta' Diċembru 2012. Wara li rat l-atti kollha tal-kawża, din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li b'*e-mail* datata 3 ta' Diċembru 2012,[3] il-perit ta' C&F kien tassew bagħat jinforma lill-Għaqda Mużikali li kien qed jaqbel mal-valur tax-xogħlijiet li ġew approvati mill-perit tal-Għaqda Mużikali stess fix-xahar ta' qabel u li kienu jammontaw għas-somma totali ta' €102,668.03;[4] li bit-taxxa fuq il-valur miżjud titla' għal €121,148.28. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti ma ssib xejn ħażin fil-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-bilanċ sar dovut minn dakinhar. Fl-aħħar mill-aħħar, lanqas l-Għaqda Mużikali stess ma ppreżentat xi argumenti speċifiċi li bihom ikkontestat din il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti minn aspett

[2] App. Ċiv. Nru. 656/2010/1SM
[3] 'Dok J', fol 60.
[4] 'Dok I', fol 59.

fattwali. L-appell prinċipali tal-Għaqda Mużikali qiegħed għalhekk jiġi miċħud;

18. Fl-**appell inċidentali** l-kumpanija C&F qegħda mbagħad tilmenta li l-Ewwel Qorti llikwidat ħażin xi kapijiet tad-danni li ġew reklamati mill-Għaqda Mużikali, u dan billi llikwidat ammonti li fi kliemha ma ġewx ippruvati skont il-liġi jew inkella ma jirriżultax li fil-fatt ġew mġarrba mill-Għaqda Mużikali;

19. L-ewwel kap tad-dannu li C&F qed tilmenta dwaru huwa dak safejn għandu x'jaqsam mat-telf ta' qligħ mit-**tombla** li ġie likwidat fl-ammont ta' €9,485. Dwar dan, C&F tilmenta li r-rapporti magħmula mill-awditur tal-Għaqda Mużikali, u li fuqhom straħet l-Ewwel Qorti, mhumiex affidabbli għaliex il-figuri mhumiex sostanzjati kif imiss. Tgħid ukoll li tali rapporti la huma maħlufa u wisq anqas ma ttellgħet l-awditur sabiex tixhed dwarhom. Targumenta li bil-fatt innifsu li ma tniżżel l-ebda qligħ mit-tombla għal bejn iż-żmien ta' Ottubru 2011 u Settembru 2012, ma jfissirx li dan il-qligħ ma sarx. Dwar dan, C&F tirreferi għad-dikjarazzjonijiet ta' ħruġ għal dan l-istess perjodu u tinnota li dak iż-żmien, l-Għaqda Mużikali kienet ħarġet flejjes għall-kera tas-sala għall-*'coffee mornings'*. F'dan ir-rigward, tgħid ukoll li d-deskrizzjoni tar-rendikont ta' ħruġ għall-perjodu tas-sena ta' wara turi biċ-ċar li s-sala kienet qed tinkera biex issir tombla. Tinnota wkoll li d-dħul minn dawn il-*'coffee mornings'* u minn din it-tombla

qatt ma ġew dokumentati fir-rendikonti tad-dħul. Tgħid li għalhekk huwa ċar li l-attività tat-tombla xorta waħda kienet qed issir banda oħra iżda mhux fil-każin, u targumenta li mhuwa xejn verosimili l-każin seta' jgħaddi mingħajr attivitajiet tal-'*fund raising'.* Tagħmel ukoll referenza għal dik il-parti tar-rendikont tal-ħruġ f'fol. 420 li fih hemm imniżżel li l-Għaqda Mużikali kienet ħarġet €466 fi ħlas ta' '*snowball'* u li hija ntestata bħala *"Snowball (coffee morning darbtejn)",* u tgħid li dan kien separat mill-qligħ li sar fl-*'open air'* tombla fil-każin bejn Lulju u Settembru. B'rabta ma' dan, tikkummenta li filwaqt li ma jistax ikun hemm *'snowball'* jekk ma jkunx hemm tombla, min-naħa l-oħra, is-*'snowball'* ma titħallasx kull darba li jkun hemm tombla. Barra minn hekk tagħmel referenza għall-fatt li f'dik is-sena, l-Għaqda Mużikali nefqet €860 bħala kotba tat-tombla. Targumenta li fid-dawl ta' dan kollu l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tkun moralment konvinta sal-grad tal-probabbli li l-Għaqda sofriet telf għax ma organizzatx il-logħob tat-tombla;

20. Wara li fliet bir-reqqa l-atti proċesswali, din il-Qorti ma tarax li l-argumenti ta' C&F huma siewja. Safejn C&F tipprova titfa' xi dell ikrah fuq ir-rendikonti ta' dħul u ħruġ tal-Għaqda Mużikali li ġew awditjati mill-awditur Bernice Avallone,[5] din il-Qorti tibda biex tosserva li r-rendikonti finanzjarji li tirreferi għalihom C&F ma sarux mill-awditur Bernice Avallone iżda mill-Għaqda Mużikali stess. Dan mhux biss jirriżulta minn dak li qal

[5] Dok EM1 sa EM5, fol 403 sa 434 tal-proċess.

Edwin Mercieca li huwa s-segretarju finanzjarju tal-Għaqda Mużikali,[6] iżda wkoll mir-rendikonti finanzjarji stess li huma ffirmati f'kull paġna mis-Segretarju Finanzjarju u mill-President Victor Seguna. Fuq hekk biss, kull argument ta' C&F li l-awditur ma telgħetx tikkonferma l-kontenut tar-rapporti jew inkella ma ħalfitx ir-rapporti bil-ġurament, ma jistax ikun ta' fejda għal C&F. Jekk C&F tassew dehrilha li kien hemm xi figuri li ma setgħetx toqgħod fuqhom, din setgħet faċilment titlob spjegazzjoni dwarhom jew inkella tikkonfronta lil xi membru tal-Għaqda Mużikali bħal President Victor Seguna li ffirma kull rendikont jew inkella lis-Segretarju Finanzjarju Edwin Mercieca jew lil Anton Briffa li wkoll serva ta' kaxxier qabel is-sena 2014. C&F però m'għamlitx hekk, u allura ma tistax targumenta li l-Ewwel Qorti għamlet ħażin meta qagħdet fuq dawk il-figuri;

21. Barra minn hekk, u safejn C&F targumenta li f'dak iż-żmien l-Għaqda Mużikali baqgħet xorta waħda torganizza t-tombla waqt il-*'coffee mornings'* li ġew organizzati fis-sala tat-Tarxien *'Rainbows',* din il-Qorti tinnota li fl-affidavit tiegħu, Edwin Mercieca,[7] kien kategoriku ħafna u spjega li t-telf ta' qligħ mit-tombla kien speċifikament fir-rigward tat-tombla li kienet tinżamm kull nhar ta' Ħadd fil-każin. Ix-xhieda ta' Edwin Mercieca ma ġietx kontradetta, u C&F lanqas biss indenjat li tistaqsi lil Mercieca

[6] Ara f'dan is-sens it-traskrizzjoni tal-kontro-eżami ta' Edwin Mercieca, li sar waqt is-seduta tad-19 ta' Ottubru 2017, fol. 301.
[7] Fol. 221.

dwar dan it-telf, u dan minkejja li għamlitlu kontroeżami speċifiku fuq dak l-affidavit waqt is-seduta tad-19 ta' Ottubru 2017;[8]

22. Fl-aħħar nett, u sa fejn imbagħad C&F tirreferi għan-nefqa ta' €860 għall-kotba tat-tombla għal bejn iż-żmien ta' Ottubru 2012 u Settembru 2013, u dan biex targumenta li t-tombla baqgħet issir xorta waħda; din il-Qorti hija tal-fehma li tali nefqa ma tippruvax li t-tombla li rrefera għaliha Edwin Mercieca, u ċioè t-tombla l-kbira' ta' kull nhar ta' Ħadd baqgħet issir band' oħra. Mir-rendikont tad-dħul jidher li minn Lulju sa Settembru 2013, l-Għaqda Mużikali kienet organizzat *'open-air tombla',* li minnha daħħlet l-ammont ta' €6,396.47, u għalhekk ma jistax jingħad li n-nefqa fil-kotba tat-tombla hija bla spjegazzjoni;

23. Tħares minn fejn tħares, din il-Qorti għalhekk ma tarax li C&F għandha raġun, u b'hekk dan l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud;

24. It-tieni lment ta' C&F huwa mbagħad dwar il-likwidazzjoni tad-danni relatati mat-**<u>telf tad-dħul mill-kiri tal-bar</u>** tal-każin u dan fl-ammont ta' €5,820.87. Dwar dan, C&F tgħid li mill-provi jirriżulta li qabel ma bdew ix-xogħlijiet fuq il-każin, l-Għaqda Mużikali kienet iddaħħal kirja ta' €2,600 mill-bar tal-istess każin. Wara li tagħmel referenza għal paragrafu 90 tas-

[8] Fol 300-302.

sentenza, C&F tgħid li l-kalkoli u l-konklużjoni li waslet għalihom l-Ewwel Qorti huma żbaljati u dan għaliex mir-rendikonti tad-dħul ta' bejn Ottubru 2011 u Settembru 2012 (fol 425) u dak ta' bejn Ottubru 2012 u Settembru 2013 (fol 419), jirriżulta li l-Għaqda Mużikali kienet daħħlet xorta waħda kera tal-bar fis-somom ta' €1,100 u €4,859.41 rispettivament, u li b'kollox jammontaw għal €5,959.41. Skont C&F, minn dan jirriżulta li l-Għaqda Mużikali lanqas biss ma sofriet dannu, u dan għaliex fi kliemha, l-Għaqda Mużikali *"rċeviet aktar minn dak li fattwalment setgħet tirċievi li kieku kriet il-bar."* Tgħid li minħabba f'hekk l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tillikwida dannu, għaliex il-prova tad-dannu qatt ma saret. Tagħlaq imbagħad billi tgħid li l-fatt li wara li tlesta l-proġett, l-Għaqda gawdiet minn kirja ogħla, ma jfissirx li l-Għaqda Mużikali għamlet xi telf fis-snin ta' qabel u dan għaliex il-kirja kienet tirrifletti l-istat tal-bar;

25. Filwaqt li l-Qorti qed tifhem sewwa l-argumenti ta' C&F, din il-Qorti hija tal-fehma li C&F qed titlaq fuq sieq ħażina u dan billi tibbaża l-argumenti tagħha fuq il-premessa li t-telf tal-kera għandu jiġi kkalkulat fuq l-ammont ta' €2,600 fis-sena, u dan biex jirrifletti l-istat li l-bar kien fih qabel ma bdew ix-xogħlijiet. Fil-fehma tal-Qorti, dan ir-raġunar mhuwiex tajjeb għaliex ġaladarba l-proġett tal-bini tal-każin waqa' lura bi ħdax-il xahar minħabba n-nuqqasijiet ta' C&F, allura l-Għaqda Mużikali spiċċat biex tilfet il-possibbiltà ta' ħdax-il xahar kera tal-bar, b'rata li tirrifletti l-istat tal-bar hekk kif modernizzat u attrezzat għaż-żminijiet tal-lum. L-aqwa

prova dwar il-potenzjal tal-kiri tal-bar hekk kif modernizzat, kif ukoll tal-valur lokatizju li jista' jġib l-istess bar ġiet imressqa bil-kuntratt ta' kirja li ġie ffirmat bejn l-Għaqda Mużikali u terz, u li minnu jirriżulta li l-bar effettivament inkera għas-somma ta' €10,100 fis-sena.[9] Għalkemm dan il-fatt waħdu ma jippruvax li l-Għaqda Mużikali tilfet il-qligħ fl-ammont pretiż minnha u ċioè dak bir-rata ta' €841.67 fix-xahar, l-Ewwel Qorti ħasbet għal dan billi ffissat kumpens fl-ammont mensili ta' €529.17, li fil-fehma tal-Qorti huwa ġust u ekwu;

26. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma tarax għalhekk li C&F għanda raġun fl-ilmenti tagħha li huma relatati mal-likwidazzjoni tal-kumpens relatat mat-telf tad-dħul mill-kirja tal-bar, u b'hekk dan l-aggravju qiegħed ukoll jiġi miċħud;

27. It-tielet ilment ta' C&F huwa mbagħad dwar id-**danni relatati mal-ħsarat ikkawżati lill-bjar,** li għalihom l-Ewwel Qorti llikwidat is-somma fl-ammont ta' €7,375. Dwar dan, C&F targumenta li llum il-ġurnata, il-bir li nqered jifforma parti mill-kantina tal-binja tal-każin, u b'hekk irrispettivament minn jekk kienx hemm qbil dwar jekk dan kellux jiġi distrutt, il-fatt jibqa' li dan ma jistax jerġa' jinbena. Biex issostni dan, C&F tirreferi għall-prospett tad-danni ta' Edwin Mercieca, li fih jiddeskrivi dan

[9] Ara Dok D, fol 228.

id-dannu bħala *"[k]ieku kellu jerġa' jsir il-bir li tkisser",* u fid-dawl ta' dan tissottometti li d-dannu reklamat mill-Għaqda Mużikali huwa wieħed ipotetiku. Filwaqt li tagħmel ukoll referenza għal dak li xehdu l-Perit Edward Magro, kif ukoll il-President tal-Għaqda Victor Seguna; tgħid li bis-saħħa ta' dak li ġara, l-Għaqda Mużikali spiċċat biex fil-fatt gwadanjat u dan peress li għandha kantina ikbar. Targumenta wkoll li hekk kif l-ispazju li kien jieħu l-bir ġie nkorporat bħala parti mill-kantina tal-binja tal-każin, l-Għaqda Mużikali aċċettat il-kantina hekk kif imkabbra u *"bilfors irrinunzjaw għal kull talba li setgħa kellhom biex il-bir jerġa' jiġi ripristinat".* Tgħid li minħabba f'hekk, l-Ewwel Qorti żbaljat meta tat lill-Għaqda Mużikali l-ispiża biex jiġi ripristinat il-bir li ġie mkisser għal kollox, u li skont C&F dan qatt ma kien fil-fatt ser jerġa' jiġi ripristinat;

28. Wara li xtarret dak kollu li qed targumenta C&F, din il-Qorti ma tarax li C&F għandha raġun. Fil-fehma tal-Qorti, l-argument ta' C&F li l-bir li ġie mġarraf għal kollox ma jista' qatt jerġa' jsir hija biss assunzjoni ta' C&F li ma ġietx sostnuta bl-ebda prova in atti. Dak li jirriżulta ppruvat huwa li fit-twettiq tax-xogħlijiet, C&F kienet negliġenti u kontra dak li ġie speċifikament imniżżel fil-kundizzjonijiet tad-dokument tas-sejħa,[10] qerdet bir storiku li fi kliem il-President tal-Għaqda *"kienet tant utli għal każin".*[11] Ġaladarba hemm prova li l-bir spiċċa meqrud tort ta' C&F, u li

[10] Ara paragrafu 7 fil-parti intitolata 'Scope of Works', tad-dokument tas-sejħa li nħareġ mill-Għaqda Mużikali u li kopja tiegħu ġiet preżentata flimkien mal-affidavit ta' Victor Sultana, u mmarkata bħala 'Dok. A', (fol 107).

[11] Ara l-affidavit ta' Victor Sultana, l-President tal-Għaqda Mużikali, 'Dok VS1', fol 85-86.

sabiex jerġa' jkollha bir bħal dak li kellha, l-Għaqda trid toħroġ is-somma ta' €7,375,[12] allura C&F trid tagħmel tajjeb għal dan id-dannu wkoll;

29. Din il-Qorti lanqas ma taqbel ma' C&F li hekk kif l-'ispazju vojt' li feġġ mit-tiġrif tal-bir ġie nkorporat bħala parti mill-kantina tal-każin, l-Għaqda Mużikali kienet b'hekk ta' "bilfors" qed 'tirrinunzja' għal kull talba li kellha relatata mal-qerda ta' dak il-bir. Kif intqal mill-Qrati tagħna tul il-milja taż-żminijiet, ir-rinunzja ma tistax tiġi preżunta anzi trid tiġi ppruvata b'mod konklussiv. (Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ta' ***Chapelle v. Caruana Gatto,*** mogħtija minn din il-Qorti fis-17 ta' Ġunju 1898)[13]. Intqal ukoll li kwalunkwe dubju għandu jmur kontra l-eżistenza tar-rinunzja, u ma jistax jiġi konkluż li jkun hemm rinunzja taċita jekk mill-provi ma jirriżultawx indizzji ċari u assoluti favur ix-xewqa tar-rinunzja. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi fl-ismijiet ta' ***Joseph Grech et. v. Dolores armla ta' Antonio Ellis et.*** deċiża minn din il-Qorti fid-29 ta' Ottubru 2004,[14] u ***Mario Attard v. Giovanni Attard****,* deċiża minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru 2014[15]). Applikat dan kollu għall-każ tal-lum, din il-Qorti hija tal-fehma li d-deċiżjoni tal-Għaqda li l-'ispazju vojt' li tħalla konsegwenza tat-tkissir tal-bir jiġi nkluż bħala parti integrali mill-kantina tal-każin, kienet biss konsegwenza naturali ta' dak li ġara, u l-Qorti ma tistax tqis dan bħala indizju li bih l-Għaqda Mużikali kienet b'mod kategoriku u konklussiv qed

[12] Ara stima tal-perit Avallone, fol 242.
[13] Kollez. Vol. XVI P I p 90.
[14] App. Ċiv. Nru. 115/1984/2.
[15] App. Ċiv. Nru. 223/1999/2.

tirrinunzja għal kwalunkwe pretensjoni tagħha fir-rigward tal-ħsara li saret lil dan il-bir. Dan l-aggravju ta' C&F qiegħed għalhekk jiġi wkoll jiġi miċħud għal kollox;

30. L-aħħar ilment ta' C&F huwa mbagħad dwar il-likwidazzjoni tad-danni fl-ammont ta' €13,216 u dan sabiex jingħata konkos mill-ġdid lill-art tal-**<u>bitħa tal-każin</u>** li tkissret minn C&F. Dwar dan, C&F tilmenta li filwaqt li l-Ewwel Qorti qagħdet fuq ix-xhieda tal-Perit Edward Magro biex waslet għall-konklużjoni li l-ħsara allegata mill-Għaqda Mużikali kienet tassew ġiet ikkawżata; min-naħa l-oħra dik il-Qorti ma qagħditx fuq l-istess xhieda tal-perit meta qal li C&F kienu rranġaw din il-ħsara qabel ma saret iċ-ċeremonja tat-tqegħid tal-ewwel ġebla. Targumenta li l-Ewwel Qorti ma setgħetx temmen parti minn dak li xehed il-perit tagħha, filwaqt li mbagħad tinjora parti oħra mill-istess xhieda. Tagħmel ukoll referenza għall-istima tal-Perit Allistair Avallone, u tgħid li l-ammont hemmhekk indikat huwa sabiex jiġi rranġat il-wiċċ kollu tal-bitħa u b'hekk, anke f'każ li din il-Qorti kellha wkoll tasal għall-konklużjoni li C&F ma rranġatx il-ħsarat tal-bitħa, C&F xorta waħda m'għandhiex tagħmel tajjeb biex jerġa' jingħata l-wiċċ kollu tal-bitħa mill-ġdid;

31. Wara li qieset l-argumenti kollha ta' C&F fid-dawl tal-provi in atti, din il-Qorti lanqas ma tara li C&F għandha raġun fl-argumenti miġjuba

minnha fl-aħħar ilment. Mill-atti jirriżulta li fil-21 ta' Diċembru 2012, is-Segretarju tal-Każin Anton Briffa kien bagħat ittra lil C&F li fiha indika bħala parti mid-danni, il-'ħsarat estensivi' li saru fl-art tal-bitħa tal-każin, u li konsegwenza ta' hekk kien hemm bżonn ta' *'resurfacing'* ta' dik l-art.[16] Fil-fehma tal-Qorti, din il-pretensjoni tindika li sa dak iż-żmien, il-ħsarat ikkawżati fl-art tal-bitħa ma kinux ġew imsewwija minn C&F; u dan għaliex li kieku tassew ġew rimedjati, il-probabbiltà kienet tkun li l-Għaqda Mużikali ma kinitx ser toqgħod titlob lil C&F biex tikkumpensaha għal dik il-ħsara. Ġaladarba m'hemmx dubju li saret ħsara fl-art tal-bitħa tal-Għaqda Mużikali, u l-provi qed jindikaw li dawk il-ħsarat ma ġewx rimedjati minn C&F, allura l-oneru tal-prova kien fuq C&F li tressaq provi tajba biżżejjed li bihom turi li dik il-ħsara ġiet tassew rimedjata minnha qabel ma saret iċ-ċeremonja tat-tqegħid tal-ewwel ġebla. Apparti li C&F setgħet faċilment ressqet lill-ħaddiema tagħha biex jixhdu dwar dan, C&F setgħet ukoll tikkonfronta lill-membri tal-Għaqda b'dak li kienet qed tallega, u ċioè li kienet tassew irranġat il-ħsara fil-wiċċ tal-art tal-bitħa tal-każin. C&F però m'għamlet xejn minn dan, u b'hekk din il-Qorti ma tqisx li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti hija b'xi mod jew ieħor irraġonevoli;

32. L-istess jgħodd għall-argument ta' C&F li m'għandhiex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż biex jingħata l-wiċċ kollu tal-bitħa. Fil-fehma tal-Qorti,

[16] Fol. 63.

il-prospett tad-danni mressaq mill-Għaqda Mużikali huwa ċar.[17] Mit-tali prospett, C&F setgħet tara b'mod ċar li l-ammont ta' €13,216 u li ġie mniżżel f'paragrafu 12 tal-prospett kien ibbażat fuq l-istima tal-Perit Allistair Avallone (Dok. I), li minnha jirriżulta li l-art tal-konkos tal-bitħa kellha tinqala' kollha u tiġi mibdula b'art ġdida.[18] Affaċċjata b'dan kollu, jekk C&F kellha xi riżervi dwar dak li l-Perit Avallone niżżel fl-istima tiegħu, u partikolarment dwar jekk kienx hemm għalfejn li tingħata l-art kollha mill-ġdid, C&F kien messha li staqsiet jew ikkonfrontat lill-Perit Avallone dwar dan. F'dan ir-rigward, C&F m'għandu jkollha l-ebda skużi, u ġaladarba ma kkontestatx l-istima tal-Perit Avallone, allura din il-Qorti lanqas ma tista' tlum lill-Ewwel Qorti li qagħdet fuq dik l-istima. Għaldaqstant, dan l-aħħar aggravju qiegħed ukoll jiġi miċħud fis-sħiħ tiegħu;

***Decide***

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad kemm l-appell prinċipali tal-Għaqda Mużikali u kif ukoll l-appell inċidentali ta' C&F, u b'hekk tikkonferma ghal kollox s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 ta' Lulju 2022, fil-kawża fl-ismijiet premessi.

[17] Fol. 222 u 224.
[18] Fol. 242.

L-ispejjeż kollha marbuta mal-appell prinċipali għandhom jitħallsu mill-Għaqda Mużikali, filwaqt li l-ispejjeż kollha marbuta mal-appell inċidentali għandhom jitħallsu minn C&F. Il-bqija tal-ispejjeż jibqgħu hekk kif deċiżi mill-Ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr